

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

MEDIA 2007

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — EACEA/28/07

Appoġġ għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-films Ewropej — L-iskema “selettiva”

(2007/C 311/14)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm pluri-annwali wieħed għall-miżuri Komunitarji fil-qasam Awdjoviżiv għall-perijodu bejn l-2007 u l-2013.

2. Applikanti eliġibbli

In-notifika preżenti hija indirizzata lil organizzazzjonijiet Ewropej; dawk reġistrati fi u mmexxija minn ċittadini mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u pajjiżi tal-Ftehim Ekonomiku Ewropew li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA 2007 (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja) u l-Iżvizzera.

Dan l-avviż huwa indirizzat lil kumpaniji Ewropej li jispeċjalizzaw fid-distribuzzjoni internazzjonali ta' films taċ-ċinema Ewropej.

3. Il-baġit u t-tul tal-proġett

L-ammont massimu disponibbli taħt din is-sejħa għall-proposti huwa 12 250 000 EUR, bil-kundizzjoni li l-fondi jkunu disponibbli taħt l-eżerċizzju ta' l-2008.

L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż 50 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli.

It-tul massimu tal-proġett huwa ta' 16-il xahar.

4. Skadenza

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) sa mhux aktar tard mil-**1 ta' April 2008 u l-1 ta' Lulju 2008**.

5. Aktar tagħrif

It-test komplet tas-sejħa għall-proposti, kif ukoll il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinstabu fuq:

www.ec.europa.eu/media.

L-applikazzjonijiet iridu jirrispettaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan it-test komplet u jridu jiġu sottomessi billi jintużaw il-formoli ta' l-applikazzjoni pprovduti.